# MALTE

## Qabel l-użu

**a)** Żgura li l-kundizzjoni fiżika tiegħek hija tajba biżżejjed biex tuża sellum. Ċerti sintomi ta' mard jew mediċini, l-abbuż ta' alkoħol jew it-teħid ta' drogi jistgħu jkunu ta' periklu;
**b)** Meta s-sellum ikun qiegħed jinġarr fuq l-istangi ta' saqaf ta' vettura jew fi trakk, żgura li huwa marbut sew sabiex tiġi evitata kull ħsara;
**c)** Eżamina s-sellum qabel il-kunsinna u qabel ma tużah għall-ewwel darba biex tikkonferma li huwa f'kundizzjoni tajba u li l-partijiet kostitwenti tiegħu kollha jaħdmu sew;
**d)** Eżamina sew is-sellum qabel kull użu, biex tivverifika li ma ġratlux ħsara u li jista' jintuża b'mod sigur;
**e)** Huwa meħtieġ li jsir kontroll perjodiku regolari għall-utenti professjonali;
**f)** Ivverifika li s-sellum huwa adattat għax-xogħol;
**g)** Tużax is-sellum jekk ġratlu ħsara;
**h)** Neħħi kull tebgħa mis-sellum, bħal żebgħa niedja, tajn, żejt jew silġ;
**i)** Qabel ma tuża s-sellum f'qasam professjonali, ikun jaqbel li ssir valutazzjoni tar-riskji skond il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn qiegħed jintuża.

## It-tqegħid u l-immuntar tas-sellum

**a)** Is-sellum irid jiġi mmuntat fil-pożizzjoni adattata, pereżempju skond angolu korrett (inklinazzjoni ta' madwar 1.4), bl-iskaluni jew it-turġien paralleli, għal sellum ta' appoġġ, jew, miftuħ kompletament għal sellum doppju;
**b)** Il-mekkaniżmi ta' qfil, li bihom is-sellum eventwalment ikun mgħammar, iridu jkunu kompletament maqfula;
**c)** Is-sellum irid jistrieħ fuq superfiċje regolari, ċatta u fissa;
**d)** Ikun jaqbel li sellum ta' appoġġ jistrieħ ma' superfiċje ċatta u solida u li jkun stabbli qabel ma jintuża, pereżempju permezz ta' xkieli jew mekkaniżmu xieraq li jiggarantixxi l-istabbiltà;
**e)** Is-sellum m'għandu qatt jitqiegħed f'post li qiegħed fil-għoli;
**f)** Meta tkun qiegħed torbot is-sellum, qies ir-riskju ta' ħabta tas-sellum, pereżempju ħabta ma' nies mexjin fit-triq, ma' vetturi jew bibien. Orbot il-bibien (iżda mhux il-ħruġ ta' emerġenza) u t-twieqi ta' fuq is-sit, jekk possibbli;
**g)** Identifika kull riskju elettriku fuq is-sit, pereżempju wajers fil-għoli jew tagħmir elettriku ieħor mikxuf;
**h)** Is-sellum għandu jistrieħ fuq saqajh u mhux fuq l-iskaluni jew it-turġien;
**i)** Is-sellum m'għandux jitqiegħed fuq superfiċje li tiżloq (pereżempju, is-silġ, is-superfiċji li jleqqu jew is-superfiċji solidi li jidhru kkontaminati) sakemm ma jkunux ittieħdu miżuri effikaċi supplimentari sabiex jiġi evitat li dan ma jiżloqx jew sabiex tiżgura li s-superfiċji mtebbgħin ikunu biżżejjed nodfa.

## L-użu tas-sellum

**a)** Taqbiżx il-piż totali massimu għat-tip tas-sellum użat;
**b)** Tippruvax tilħaq punt li qiegħed fil-għoli wisq; ikun jaqbel li l-utent ikollu l-qadd bejn iż-żewġ pilastri tas-sellum u saqajh it-tnejn fuq l-istess tarġa/skaluna matul il-ħidma kollha;
**c)** Qatt tinżel minn sellum ta' appoġġ 'l fuq ħafna mingħajr mezz ta' sikurezza addizzjonali (irbit jew użu ta' mezz xieraq ta' stabbiltà);
**d)** Tużax il-sellum doppju biex titla' għal livell ieħor;
**e)** Toqgħodx wieqaf fuq l-aħħar tliet tarġiet/skaluni ta' fuq nett ta' sellum ta' appoġġ;
**f)** Toqgħox wieqaf fuq l-aħħar żewġ tarġiet/skaluni ta' fuq nett ta' sellum doppju mingħajr pjattaforma jew stanga ta' appoġġ fl-għoli ta' l-idejn/l-irkoptejn;
**g)** Toqgħodx wieqaf fuq l-aħħar erba' tarġiet/skaluni ta' fuq nett ta' sellum doppju estiż permezz ta' sellum li jiġri;
**h)** Ikun jaqbel li tuża s-slielem biss għal xogħlijiet żgħar ta' żmien qasir;
**i)** Uża slielem mhux konduttivi għal xogħlijiet li jridu jitwettqu taħt kurrent elettriku;
**j)** Tużax is-sellum barra meta l-kundizzjonijiet tat-temp ikunu ħżiena (riħ qawwi, pereżempju);
**k)** Ħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex timpedixxi li tfal jilagħbu fuq is-sellum;
**l)** Orbot il-bibien (iżda mhux dawk tal-ħruġ ta' emerġenza) u t-twieqi ta' fuq is-sit, jekk possibbli;
**m)** Meta titla' u tinżel mas-sellum, ħares lejh;
**n)** Żomm sod mas-sellum meta tkun tiela' u nieżel;
**o)** Tużax is-sellum bħala pont;
**p)** Ilbes żarbun adattat biex titla' mas-sellum;
**q)** Evita kull restrizzjoni laterali eċċessiva bħal meta tuża drill fil-briks jew fil-konkrit;
**r)** Iddumx wisq fuq is-sellum mingħajr ma tagħmel waqfiet regolari (l-għeja tirrappreżenta riskju);
**s)** Biex titla' għal livell superjuri, ikun jaqbel li ttawwal is-slielem ta' appoġġ mill-inqas b'1 m 'l fuq mill-punt li trid tilħaq;
**t)** Ikun jaqbel li l-għodda li ġġorr waqt li tkun qed tuża s-sellum tkun ħafifa u faċli biex timmanipula;
**u)** Evita x-xogħlijiet li jeżerċitaw piż laterali fuq is-slielem doppji, pereżempju biex ittaqqab materjali iebsin (briks, konkrit, eċċ);
**v)** Żomm b'id waħda mas-sellum waqt li tkun qed tagħmel ix-xogħol jew, jekk dan mhux possibbli, ħu miżuri oħra ta' sigurtà.

## Tiswija, manteniment u ħażna

It-tiswijiet u l-manteniment għandhom isiru minn persuna kompetenti u b'mod konformi ma' l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. Ikun jaqbel li s-slielem jitħażnu b'mod konformi ma' l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant.